EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-utenti downstream skont REACH: Sommarju tal-istudji tas-suq fl-2017–18

## Sommarju Eżekuttiv

Ġunju 2019

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Din il-pubblikazzjoni hija intiża biss għal skopijiet ta' informazzjoni u mhux neċessarjament tirrappreżenta l-opinjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mhijiex responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

| Verżjoni | Aġġornament | Bidla li saret |
|---|---|---|
| 1.0 | 08.07.2019 | L-ewwel edizzjoni |

**Il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-utenti downstream skont REACH - Sommarju Eżekuttiv**
**Referenza:** ED-04-19-508-MT-N
**ISBN:** 978-92-9481-291-9
**Kat. Numru:** ED-04-19-508-MT-N
**DOI:** 10.2823/145436
**Data tal-pubblikazzjoni:** Ġunju 2019
**Lingwa: MT**

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2019
Qoxra © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola għal talba għal informazzjoni tista' tiġi aċċessata permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq:
http://echa.europa.eu/contact

**Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Ħelsinki, il-Finlandja
Indirizz għaż-żjarat: Annankatu 18, Ħelsinki, il-Finlandja

# 1. Sommarju Eżekuttiv

## Sfond

Matul l-2017 u l-2018, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) wettqet sitt studji massħab biex tifhem kemm il-kumpaniji huma konxji dwar l-iskedi ta’ *data* ta’ sigurtà estiżi, kif jużawhom u x’qed jistennew minnhom. Skeda ta’ *data* ta’ sigurtà estiża fiha ġabra ewlenija ta’ 16-il taqsima u x-xenarji ta’ esponiment annessi magħha.

REACH introduċa rekwiżit biex l-iskeda ta’ *data* ta’ sigurtà tiġi estiża b’anness ta’ xenarju ta’ esponiment għal sustanzi perikolużi[1] rreġistrati fi kwantitajiet ta’ 10 tunnellati jew aktar kull sena. L-iskeda ta’ *data* ta’ sigurtà estiża tkun mezz ta’ komunikazzjoni ta’ informazzjoni rilevanti mir-reġistrant tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika. L-informazzjoni inkluża fix-xenarji ta’ esponiment għandha tappoġġja lill-utenti tas-sustanzi kimiċi biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

L-istudji f’dan ir-rapport jipprovdu feedback kemm dwar l-hemża l-ġdida tax-xenarju ta’ esponiment kif ukoll dwar il-ġabra tal-iskedi ta’ *data* ta’ sigurtà li diġà kienet rekwiżit għas-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi kollha għal għexieren ta’ snin.

L-istudji twettqu taħt il-programm Netwerk għall-Iskambju ta’ Xenarji ta’ Esponiment (ENES)[2]. Dawn koprew stadji differenti fil-katina tal-provvista mill-manifatturi tas-sustanzi sal-formulaturi tat-taħlitiet, kif ukoll id-distributuri u l-utenti tas-sustanzi kimiċi fil-Finlandja, u f’ħames setturi industrijali li jużaw is-sustanzi kimiċi fl-Italja. Barra minn hekk, inġabru l-fehmiet tal-ispetturi tax-xogħol dwar l-iskedi ta’ *data* ta’ sigurtà estiżi u l-użu potenzjali tal-kontenut tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol.

## Studji

Ġew organizzati żewġ ċikli ta’ intervisti ta’ kumpaniji fil-Finlandja, l-ewwel wieħed fir-rebbiegħa tal-2017 u t-tieni fil-bidu tal-2018. Fih ipparteċipaw sebgħa u tletin kumpanija, li l-maġġoranza tagħhom kienu intrapriżi kbar u ta’ daqs medju. L-għan kien li jiġi mifhum kif l-informazzjoni dwar is-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi bħalissa qed tiċċirkola fil-katina tal-provvista, u kemm tissodisfa tajjeb il-ħtiġijiet tal-kumpaniji fl-industrija Finlandiża tax-xogħol tal-metall u l-industrija tal-inġinerija.

L-ewwel ċiklu ta’ intervisti fl-2017, ġabar informazzjoni, flimkien mas-suġġetti msemmija hawn fuq, dwar kemm huma konxji l-kumpaniji dwar il-materjal ta’ appoġġ tal-ECHA (gwida u għodod għall-utenti downstream).

Lejn l-aħħar tal-2017, l-ECHA kkooperat ukoll ma’ ħames assoċjazzjonijiet tal-industrija Finlandiżi dwar stħarriġ. L-istħarriġ ikkomplementa l-intervisti u ġabar il-feedback mingħand 45 kumpanija dwar il-fluss tal-informazzjoni, kif tista’ tittejjeb il-komunikazzjoni tal-katina tal-provvista, u l-mistoqsijiet dwar il-gwida u l-għodod disponibbli biex jiġu appoġġjati l-kumpaniji bid-dmirijiet tagħhom ta’ REACH u CLP. Ir-reazzjonijiet ġew minn kumpaniji li joperaw f’livelli differenti tal-katina tal-provvista, inklużi kumpaniji żgħar, ta’ daqs medju u kbar li jimmanifatturaw sustanzi, li jifformulaw taħlitiet, li jiddistribwixxu sustanzi kimiċi jew li jużawhom fl-industrija tax-xogħol tal-metall u fl-industrija tal-inġinerija.

Sar ukoll stħarriġ ta’ kumpaniji Taljani mill-Istitut Nazzjonali Taljan għall-Assigurazzjoni kontra l-Inċidenti fuq il-Post tax-Xogħol (INAIL). Dan l-istħarriġ studja l-fluss u l-kwalità ta’ skedi ta’ *data* ta’ sigurtà estiżi u kif il-kumpaniji jużaw l-informazzjoni tal-iskedi ta’ *data* ta’ sigurtà fil-valutazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Dan sar flimkien mal-Federazzjoni Taljana

[1] Inkluż dawk li huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi, persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna; u sustanzi tal-Lista ta’ Kandidati.

[2] https://echa.europa.eu/about-us/exchange-network-on-exposure-scenarios

tal-Industrija Kimika u ħames assoċjazzjonijiet li jkopru l-ipproċessar tal-injam, it-tessuti, il-karti u l-kartun, l-ikkonzar tal-ġilda, u s-setturi tal-plastik u tal-gomma. B'kollox, 683 kumpanija (prinċipalment żgħar u ta' daqs medju) f'dawn il-ħames setturi lestew l-istħarriġ fil-bidu tal-2018.

L-għan tal-istudji tal-ispettur tax-xogħol kien li jiġi mifhum liema awtoritajiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jikkunsidraw informazzjoni utli għall-utenti tas-sustanzi kimiċi fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà estiża. Rappreżentanti minn 10 awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol ġew intervistati lejn l-aħħar tal-2017 u 20 Stat Membru tal-UE wieġbu għal stħarriġ fir-rebbiegħa tal-2018. Dawn ġew ikkuntattjati permezz tal-Grupp ta' Ħidma Chemex tal-Kumitat ta' Spetturi tax-Xogħol Anzjani (SLIC).

## Sommarju tas-sejbiet ewlenin u rakkomandazzjonijiet

Fl-istudji ġew identifikati erba' tipi ta' sfidi.

1. L-utenti finali mhumiex kompletament konxji tad-dmirijiet tagħhom relatati mal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà.
2. L-informazzjoni għadha mhijiex timxi 'l isfel fil-katina tal-provvista kif maħsub u l-komunikazzjoni upstream dwar l-użi hija limitata.
3. L-informazzjoni fl-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi mhijiex qed tissodisfa l-ħtiġijiet tar-riċevituri.
4. Hemm nuqqas ta' soluzzjonijiet tal-IT li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' informazzjoni dwar ix-xenarju ta' esponiment bejn il-kumpaniji.

L-**għarfien limitat tal-kumpaniji dwar l-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi**, id-dmirijiet regolatorji relatati u l-appoġġ disponibbli għall-kumpaniji huwa evidenti mill-istudji.

B'mod ġenerali, il-fornituri tas-sustanzi kimiċi (speċjalment kumpaniji kbar) huma konxji sew u għandhom ir-riżorsi biex jikkonformaw. Minkejja dan, kważi nofs il-kumpaniji tal-utenti finali fil-Finlandja u l-Italja ma kinux irċevew jew ma kinux innutaw li rċevew skedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi. Madankollu, l-utenti finali tas-sustanzi kimiċi jużaw prinċipalment taħlitiet u l-inklużjoni ta' informazzjoni tax-xenarju ta' esponiment fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tat-taħlita għadha mhijiex prattika komuni.

Kjarifika dwar kif l-informazzjoni dwar ix-xenarju ta' esponiment għandha tiġi kkomunikata fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tat-taħlita hija mistennija li tiġi żviluppata skont l-Azzjoni ta' Rieżami 3 ta' REACH. Barra minn hekk, ħafna utenti finali tas-sustanzi kimiċi indikaw li mhumiex konxji sew tad-dmirijiet relatati max-xenarji ta' esponiment. Dan jindika b'mod ċar il-ħtieġa għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni kontinwi dwar l-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi fil-parti l-baxxa tal-katina tal-provvista.

L-ECHA diġà ppubblikat materjal estensiv ta' appoġġ dwar l-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi, inklużi gwidi u eżempji sempliċi biex jiġu appoġġjati l-kumpaniji. Il-maġġoranza ta' dawn il-pubblikazzjonijiet huma disponibbli bit-23 lingwa tal-UE u jistgħu, għalhekk, jiġu aċċessati u jintużaw faċilment minn kwalunkwe parti kkonċernata biex titqajjem kuxjenza dwar is-suġġett. Il-materjal jinsab fit-taqsimiet tal-utenti downstream[3] tas-sit web tal-ECHA. Eżempji prattiċi dwar xenarji ta' esponiment huma disponibbli fit-taqsima ta' appoġġ[4] tas-sit web.

L-istudji Finlandiżi, Taljani u tal-ispettur tax-xogħol irrappurtaw nuqqasijiet fil-**fluss tal-iskeda**

---

[3] https://echa.europa.eu/regulations/reach/downstream-users
[4] https://echa.europa.eu/support/practical-examples-of-exposure-scenarios

**ta' *data* ta' sigurtà estiża** tul il-katina tal-provvista. Ix-xenarji ta' esponiment rċevuti mill-kumpaniji ġew innutati li kienu ġeneralment raġonevoli fit-tul - inqas minn 30 paġna - iżda mhux dejjem jilħqu l-parti ta' isfel tal-katina tal-provvista minħabba diffikultajiet prattiċi (eż. minħabba sistemi tal-IT jew traduzzjonijiet) fid-distribuzzjoni tagħhom. Madankollu, l-atturi kollha fil-katina tal-provvista għandhom jiftakru li huwa dmir ta' REACH li l-informazzjoni dwar ix-xenarju ta' esponiment u l-kumpaniji tingħadda fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista li huma intitolati li jirċievu din l-informazzjoni.

L-istudji f'dan ir-rapport jindikaw b'mod ċar li l-**komunikazzjoni upstream** mal-fornituri dwar l-informazzjoni marbuta mal-użu **għadha limitata** u li din tiffoka prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-klassifikazzjoni u t-tagħmir ta' protezzjoni personali. Il-komunikazzjoni upstream dwar l-użi u l-kundizzjonijiet tal-użu għar-reġistranti kif ukoll il-kuntatti mal-fornituri dwar il-kwalità tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà estiża ssir fuq bażi *ad hoc* u ssir prinċipalment minn kumpaniji akbar. Is-sejbiet tal-istudji Finlandiżi u Taljani jindikaw li komunikazzjoni strutturata tiffaċilita t-twassil ta' informazzjoni li tista' tinftiehem dwar l-użi u l-kundizzjonijiet tal-użu upstream. Il-mapep tal-użu żviluppati taħt il-Programm ENES jistgħu jkunu soluzzjoni għal dan fil-livell tas-settur tal-industrija.

Fl-istudji ġew elenkati diversi **nuqqasijiet fil-kwalità tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi**. Il-kumpaniji u l-ispetturi tax-xogħol jaqblu li x-xenarji ta' esponiment jżidu l-valur biss jekk ikunu ppreparati sew. In-nuqqasijiet innutati jinkludu informazzjoni li tkun nieqsa, mhux ċara jew ġenerika wisq biex tkun utli. In-nuqqas ta' struttura armonizzata tad-dokumenti, l-inkonsistenza tal-informazzjoni u t-terminoloġija ambigwa kienu kwistjonijiet li ssemmew b'mod komuni. Barra minn hekk, l-istħarriġ wera li n-nuqqas ta' verżjoni lingwistika nazzjonali għax-xenarji ta' esponiment u t-traduzzjonijiet parzjali jew ta' kwalità ħażina tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi kienu komuni. Dawn il-kwistjonijiet ta' kwalità jolqtu ħażin il-valur u l-użabbiltà tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi u għandhom jiġu indirizzati bħala prijorità.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi huma mistennija li jintużaw minn firxa ta' kumpaniji li jvarjaw minn nies tas-sengħa professjonali għal kumpaniji kbar b'dipartimenti ddedikati għas-sigurtà kimika u l-konformità legali. Id-distribuzzjoni tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà b'informazzjoni dwar l-esponiment f'formati PDF jew stampati tagħmilha diffiċli li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' grupp varjat ta' riċevituri filwaqt li d-dokumenti jinżammu maniġġabbli u faċli biex jinftiehmu fl-ambjent multilingwi Ewropew. Għalhekk, ħafna kumpaniji esprimew xewqa għal **soluzzjonijiet moderni tal-IT** li jiffaċilitaw il-ħidma tagħhom. Dawn jixtiequ li jkollhom soluzzjonijiet tal-IT li jippermettu li tiġi ffiltrata l-informazzjoni rilevanti għall-kumpanija. Barra minn hekk, jintlaqgħu tajjeb is-soluzzjonijiet għat-trasferiment elettroniku ta' informazzjoni mill-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi li deħlin fis-sistemi tal-IT tar-riċevituri. L-introduzzjoni ta' għodod bħal dawn ittejjeb l-effiċjenza tal-immaniġġjar tal-informazzjoni tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà, u tnaqqas l-iżbalji kkawżati mill-immaniġġjar manwali tad-*data* li jieħu ħafna ħin.

Is-sitt studji dwar is-suq jipprovdu tagħrif siewi dwar il-fluss tal-iskedi ta' *data* ta' sigurtà estiżi fil-katina tal-provvista u l-impatt tax-xenarji ta' esponiment fil-livell tal-utent finali fl-2017 u fl-2018. Għalhekk, is-sejbiet ser jiffaċilitaw l-ippjanar tal-attivitajiet tal-ENES fil-komunikazzjoni mtejba tal-katina tal-provvista u ser jikkontribwixxu għall-Azzjoni ta' Rieżami 3 ta' REACH[5] *dwar it-tħaddim u l-kwalità ta' skedi ta' data ta' sigurtà estiżi*. Parti mill-informazzjoni miġbura hija wkoll rilevanti għall-ħidma ta' żvilupp taħt l-Azzjoni ta' Rieżami 12.1 ta' REACH *dwar l-interfaċċa ta' REACH u l-leġiżlazzjoni dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali* u l-Azzjoni ta' Rieżami 14 ta' REACH *dwar l-appoġġ għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju*.

Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA fit-taqsima dwar l-Azzjoni ta' Rieżami

[5] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0116&from=EN

3 ta' REACH fuq:

https://echa.europa.eu/reach-review-action-3

**AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI**
ANNANKATU 18, KAXXA POSTALI 400,
FI-00121 ĦELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU